# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 11**

**Citaz. Nru. 394/00GV**

Doc. 122-01

**Nicholette Aquilina**

**vs**

**Jason Grech u Anthony Attard**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fid-9 ta' Dicembru, 1998, l-attrici flimkien mal-konvenut Anthony Attard, iffirmaw konvenju li permezz tieghu obbligaw ruhhom li jixtru u jakwistaw minghand il-konvenut Jason Grech l-appartament numru tnejn (2), formanti parti minn blokk ta' erba' (4) *flats* bl-isem ta' 'Jason Flats', sitwata fi Triq il-Wied Hal-Qormi. (Dok. AE 1);

Premess illi fuq il-konvenju thallset is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) bhala hlas akkont tal-prezz;

Premess illi s-somma fuq imsemmija thallset fl-intier taghha mill-attrici, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-kuntratt ta’ akkwist relattiv ma giex pubblikat u l-effetti kollha tal-konvenju precitat skadew fid-9 ta’ Settembru, 1999;

Premess illi l-konvenut Jason Grech debitament interpellat sabiex ihallas is-somma fuq imsemmija lill-attrici, baqa’ inadempjenti;

L-attrici talbet biex ghar-ragunijiet fuq imsemmija u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi din il-Qorti :

1 tiddikjara li s-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), li thallset akkont tal-prezz ghall-akkwist ta’ l-appartament numru tnejn (2), ‘Jason Flats’ Triq il-Wied Hal-Qormi, thallset fl-intier taghha minn flus li kienu jappartjenu esklussivament lill-attrici u li l-konvenut Anthony Attard ma ghamel ebda pagament f’dan ir-rigward.

2 tiddikjara li l-konvenju tad-9 ta’ Dicembru, 1998, m’ghadx ghandu effett skond il-ligi.

3 tikkundanna lill-konvenut Jason Grech sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), liema somma thallset fuq il-konvenju tad-9 ta’ Dicembru, 1998.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tal-14 ta’ Dicembru, 1999 u ta’ l-ittra ufficjali tal-20 ta’ Jannar, 2000, kontra l-konvenuti. U bl-imghax mid-data ta’ l-imsemmija ittra ufficjali, u b’riserva ghal kwalsiasi azzjoni ohra li tista’ tittiehed fil-konfront tal-konvenut Anthony Attard.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici a fol. 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Attard a fol. 15 tal-process fejn eccepixxa:

1 illi l-esponenti gie mharrek inutilment ghaliex m'ghandux jaghti lill-attrici, u ghandu jigi liberat mid-domandi;

2 illi t-tieni talba saret kapriccosament ghaliex ma kien hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet li l-konvenju skada, tant li l-konvenut Jason Grech ried jirrifondi lill-esponent u lill-attrici l-akkont li kienu tawh fuq il-konvenju;

3 illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponent u l-attrici bejniethom kienu hargu s-somma ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500) li thallset fuq il-konvenju, u ghalhekk ir-rifuzjoni ghandha issir lilhom nofs kull wiehed;

Ghalhekk, u fi kwalunkwe kaz, t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Jason Grech a fol. 17 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi d-domandi tal-attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt, u saru kapricjozament, ghaliex l-esponent gie mizmum mill-attrici milli jhallas, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghalhekk, u fi kwalunkwe kaz, l-esponent ma ghandux ibati ebda' spejjez tal-kawza u lanqas ebda' imghax fuq is-somma mitluba.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta’ *cessjoni tas-sorte* a fol. 51;

Rat in-nota ta’ rinunzja tal-patrocinju tal-konvenut Attard a fol. 52;

Rat li ma sar ebda’ rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

B’nota a fol. 51 l-attrici cediet il-mertu tal-kawza stante hlas (mill-konvenut Grech) u zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez u l-imghax fil-konfront tal-konvenut Anthony Attard biss.

Peress illi jirrizulta mill-provi li kien minhabba l-agir, jew nuqqas ta’ agir, tal-konvenut Attard li Grech ma kienx hallas is-somma intiera lill-attrici qabel il-kawza, l-ispejjez ta’ din il-kawza ghandu jbatihom il-konvenut Attard.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-mertu stante *cessjoni tas-sorte*,

bl-imghax u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut Attard.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**